**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 712/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Xuereb**

Illum, 26 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Xuereb, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 105963M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fit-23 ta' Settembru 2018, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija jew xi ħinijiet oħra, ġewwa 381, Triq il-Kbira San Ġuzepp u fl-inħawi ċirkostanti:

> Flimkien ma' persuni oħra, bil-ħsieb li jwettaq serq, wera b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex ezegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, u liema serq li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-lok.
>
> Ukoll talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 41(1), 42(d), 49, 50, 261(b)(e), 263(a), 264, 269, 278(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Joseph Xuereb ħati tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u kkundanatu għal piena ta' seba' xhur priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant, Joseph Xuereb, ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet ħtija, ċioe' fl-ewwel u t-tieni mputazzjoni u kwindi tilliberah skond il-Liġi minn dawn l-imputazzjonijiet, ħtija u piena. In oltre, mingħajr preġudizzju f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, l-appellant talab lil dina l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata fil-piena mogħtija u tinfliġġi piena anqas ħarxa u li tirrifletti il-każ in eżami.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 25 ta' Settembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-uniku aggravju ventilat mill-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fejn jelenka diversi fatturi li, fil-fehma tiegħu, kellhom jimmilitaw favur it-teżi difenzjonali tiegħu u jwasslu għal deċiżjoni liberatorja. Jisħaq li l-fatt li Stephanie Schembri ma għarfitux u li Keith Pace, l-awtur tar-reat, ikkonferma li l-appellant ma kienx involut fis-serqa, kellhom iwasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tilliberah mill-akkużi lilu addebitati. Dan magħdud mal-fatt li l-filmati u r-ritratti ppreżentati in atti kellhom jiġu skartati fl-evalwazzjoni tal-provi stante li ttieħdu biss bħala *police work*. Fl-aħħarnett, jattakka ukoll ix-xhieda ta' Jason Camilleri fejn jisħaq li dan ma seta' qatt għarfu peress li allegatament rah minn distanza u għalhekk l-identifikazzjoni magħmula ma kenitx waħda b'saħħitha.

Illi, l-Qorti eżaminat l-atti proċesswali u dan bil-għan li tistabbilixxi jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1]. Illi dan il-każ ra il-bidu tiegħu meta nhar it-23 ta' Settembru 2018, waqt li l-iSpettur Wayne Camilleri kien qed jagħmel ronda ġewwa Santa Venera nnota mara, ċertu Stephanie Schembri, f'bieb ta' residenza li kienet tidher fi stat ta' paniku. Hija spjegatlu li xi persuni njoti kienu daħħlu fir-residenza tagħha meta kien hemm hi u l-għarus tagħha (Jason Camilleri). Qalet li hi u Camilleri semgħu ħoss, iżda għall-ewwel ma tawx wisq kas għaliex ħasbuh li kien ġej minn barra. Izda ftit tal-ħin wara nfetaħ il-bieb tal-kamra fejn kienu u raw bniedem tas-sess maskili liebes flokk skur bil-*logo* tal-*Adidas* fuqu, li kif rahom inħasad u ħarab minn fuq il-post. Jason Camilleri ttawwal fejn innota li kien hemm raġel ieħor qed jistenna ġewwa ħdejn il-bieb, liebes ħwejjeġ kulur griżi u bla xagħar, li telaq jiġri hekk kif ħarġet il-persuna l-oħra tiġri minn ġewwa d-dar tagħhom. Dak il-ħin Jason Camilleri u l-ġar tagħhom Emanuel Cucciardi telqu jiġru wara dawn iz-zewġt irġiel. Sussegwentement, il-Pulizija Ezekuttiva elevat tlett filmati minn stabbilimenti fil-viċin tar-residenza in kwistjoni, minn fejn setgħu jistabbilixxu illi ż-żewġt irġiel li dehru fl-istess filmati, u li kienu jaqblu mad-deskrizzjonijiet mogħtija mill-parti offiża, kienu propju ċertu Keith Pace u l-appellant Joseph Xuereb.

Illi, l-appellant jintenta jattakka l-ewwel u qabel kollox l-identifikazzjoni magħmula mill-allegati vittmi tal-persuna tiegħu. Jisħaq illi Stephanie Camilleri m'għarfitux *in awla*, kif ukoll kien impossibli għal Jason Camilleri jikkonkludi illi hu kien dik il-persuna li ħarbet minn fuq il-post flimkien ma' Keith Pace, u dana stante li kien hemm distanza konsiderevoli bejniethom. Apparti dana kollu, l-appellant jisħaq fuq il-fatt li

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Keith Pace, avolja xehed li lilu kien jafu, dejjem innega li hu kien kompliċi miegħu f'din is-serqa, jew tentattiv ta'l-istess.

Illi, għalkemm huwa minnu li meta xehdet Stephanie Camilleri *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, hija ma setatx tagħraf lill-appellant, madanakollu *a tempo vergine*, meta ġiet mitkellma mill-Pulizija, senjatament minn PS 593 Raphael Attard Flores, hija kienet tat deskrizzjoni taz-zewġt irġiel involuti fl-attentat ta' serq ġewwa r-residenza tagħha. PS 593 infatti xehed li Stephanie Schembri kienet iddeskriviet lir-raġel li kien daħal ġewwa r-residenza bħala wieħed li kien liebes "**sports cap bluna ... u kellu dark t-shirt u dark shorts**" filwaqt li ddeskriviet lir-raġel li kien qed jistenna barra bħala wieħed b' "**xagħru mqaxxra u naqra chubby ... kellu t-shirt griz ċar u three-quarters**". Dina d-deskrizzjoni tikkombaċi perfettament mad-deskrizzjoni li ta Jason Camilleri meta huwa xehed dwar dak li ġara dakinhar tal-akkadut:–

> **"... Smajna ħoss ta' bieb jinfetaħ jiġifieri u dak il-ħin stess smajna xi passi tilgħin fuq u daħal raġel u ovvjament ma nafuhx u dak il-ħin ir-reazzjoni tiegħu kienet naqra nħasad għax naħseb ħaseb li ma kien hemm ħadd id-dar u tfixkel dar jiġri u naħseb u naf zgur li dak il-ħin waqa' t-taraġ għax tfixkel fil-dan u x'ħin mort niġri isfel naf li kien hemm ieħor isfel miegħu raġel qed jistennieh ..."**

Illi, huwa jkompla jgħid li dan ir-raġel li kien qed jistenna lill-persuna li daħlet sabiex tisraqhom kien qed jistenna biswit il-bieb ta' barra u li telaq jiġri mal-persuna l-oħra, tant illi telaq jiġri warajhom. Jason Camilleri jiddeskrivi lil dana l-persuna li kienet qed tistenna bħala wieħed bil-mustaċċi u bin-nuċċali, u filfatt meta xehed indika lill-appellant bħala propju l-istess persuna li huwa kien ra flimkien ma' Pace. Jason Camilleri kien ċert mill-identifikazzjoni magħmula minnu u filfatt spjega li huwa daqstant ċert peress li "**mat-taraġ kif qegħdha għandha arkata li tagħti għal barra u tara kollox**", u b'hekk kellu vizjoni ċara u bla ostakli sabiex jara u jagħraf lill-appellant.

Illi allura l-identifikazzjoni tal-appellant magħmula mix-xhud Jason Camilleri hija waħda b'sahhitha ferm u dan meta jiġu applikati il-prinċipji li għandha timxi magħhom il-qorti meta tiġi biex tqies l-identifikazzjoni ta' malvivent magħmul minn

xhud okulari u dan kif imfassla b'mod speċjali fir-regoli *Turnbull*[2] fejn hemm hekk imgħallem:

> **'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.**
>
> **Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? …**
>
> **Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".**

Issa l-Ewwel Qorti straħet fuq din l-evidenza sabiex waslet għal sejbien ta' ħtija u dan meta kienet tal-fehma illi l-fatt illi l-appellant kien identifikat bħala dik il-persuna li kienet qed tistenna lil Pace ħdjen il-bieb ta' barra tal-post fejn seħħ ir-reat kien ifisser illi dan kien qiegħed iżomm l-għassa filwaqt li Pace sgassa il-bieb ta' barra biex kiseb aċċess għall-ambjenti tar-residenza tal-parti offiża bl-intenzjoni li tiġi kommessa s-serqa. Illi l-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha għar-raġunijiet miġjuba iktar 'il fuq hija tal-fehma illi l-identifikazzjoni magħmula minn Camilleri tal-appellant hija waħda b'saħħitha. Illi imbagħad l-movimenti tal-appellant kemm qabel, kif ukoll waqt li Pace

[2] Turnbull (1977) QB 224

kiseb aċċess għad-dar bl-intenzjoni li jikkometti is-serq, u wkoll wara, meta dawn it-tnejn ħarrbu minn fuq il-post, huwa indikattiv tal-fatt illi l-appellant kien kompliċi fil-kummissjoni tar-reat u dan għaliex, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, dan kien ifisser illi l-appellant assista lill-awtur tar-reat billi qagħad għassa mal-bieb ta' barra. Illi Pace stess, għalkemm jinnega illi l-appellant kien involut f'dan l-att inkriminatorju, madanakollu jikkonferma illi ftit tal-ħin qabel kien fil-kumpanija tal-appellant. Abbinat mal-fatt illi l-appellant kien osservat għassa mal-bieb tar-residenza fejn kiseb aċċess Pace, għamdu jkun indubitat, għalhekk, illi huwa kien miegħu ukoll meta dan sgassa il-bieb ta' barra. Dan ifisser illi mill-atti probatorji jemerġi xenarju fejn tirriżulta il-presenza fizika ta'l-appellant fuq il-post tad-delitt, u fuq kollox jiriżulta illi huwa ħa sehem attiv fil-kummissjoni tar-reat meta assista lill-awtur Pace, u ħarab miegħu minn fuq il-post hekk kif kien evidenti li nqabbdu fil-fatt, tant għalhekk illi jemerġi l hekk imsejjah "*common design*" li jitkellmu dwaru l-liġi u l-ġurisprudenza bejn dawn it-tnejn minn nies, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi: ..... *"as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "Proof of the agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, <u>the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference.</u> For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose. Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): "You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting.*[3]*"* (sottolinjar tal-Qorti).

[3] "The Republic of Malta vs Steven John Lewis Marsden"

Issa l-appellant jilmenta wkoll illi il-filmati u l-i*stills* eżebiti in atti ma jistgħux jkunu meqjusa bħala prova indizzjarja tenut kont li l-elevazzjoni ta'l-istess u l-estrazzjonijiet saru bħala *police work* u mhux minn xi espert tal-qorti. Illi l-Qorti hija perplessa kif l-appellant iqanqal dan l-aggravju meta huwa evidenti minn qari tas-sentenza appellata illi l-Ewwel Qorti skartat din l-evidenza proprju għaliex ma kienx nominat xi espert ta'l-informatika sabiex jikkonferma l-awtenticita' tal-filmati eżebiti, u ġaldarba ix-xogħol sar mill-pulizija li ma kenux maħtura bħala esperti tagħha, l-Ewwel Qorti ħasset li ma kellhiex tistrieħ fuq din l-evidenza.

Illi, allura din il-Qorti ma għandiex għalfejn tinoltra ruħha f'eżami ta' dan l-aggravju. Iżid jingħad, madanakollu, illi l-investigazzjoni magħmula mill-Pulizija timxi b'mod għal kollox indipendenti mill-istħarriġ dwar l-*in genere* li jsir jekk jirrikorru r-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi sabiex tiġi varata inkjesta maġisterjali. Dan ifisser illi mhux kull reat li jkun kommess jenħtieġ dan l-istaħrriġ minn awtorita' indipendenti mill-poter eżekuttiv tal-Istat. Issa jibda biex jingħad illi, fit-termini ta'l-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex issir l-inkjesta dwar l-*in genere* jenħtieġ illi r-reat li jkun qed jiġi investigat iġorr il-piena ta' aktar minn tlett snin priġunerija. F'dan il-każ l-appellant ma huwiex mixli bir-reat ikkunsmat, iżda bit-tentattiv ta'l-istess billi s-serqa ma irnexxietx. Illi l-piena għar-reat tas-serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-lok, iġorr il-piena ta' priġunerija ta' bejn hames xhur u tlett snin u ma tingħatax fil-*minimum* tagħha, u dan fit-termini ta'l-artikolu 278(2) tal-Kodiċi Kriminali. Jikkonsegwi illi, f'dan il-każ, ma kienx hemm il-ħtieġa li tiġi varata l-inkjesta bil-maġistrat. Fil-kors tal-investigazzjonijiet, għalhekk, il-pulizija kellha tara li tiġbor il-provi kollha pertinenti għal każ u tara li dawn jiġu ppreservati, mingħajr il-ħtieġa li jkun nominat xi espert tekniku sabiex jassistieha. Illi dawn il-provi miġbura mill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet tagħhom huma prova valida u ammissibbli kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant, u dak deċiż mill-Ewwel Qorti. *In oltre*, tajjeb jingħad li l-istess Surġent 415, li eleva dawn il-filmati bl-assistenza tal-pulizija tal-forensika, xehed quddiem l-Ewwel Qorti dwar ix-xogħol magħmul in konnessjoni mal-ġbir u l-preservazzjoni ta' dawn il-filmati, u jekk l-appellant kellu xi dubbju jew lanjanza dwar l-istess, seta' faċilment juża l-fakoltajiet li tagħtih il-liġi sabiex jipprova jiskredita din

l-evidenza, ħaġa li pero' huwa għazel li ma jagħmilx. Illi minn daqqa t'għajn lejn il-filmati u l-i*stills* estratti mill-istess, ż-żewġ persuni jidhru sew u jistgħu faċilment jiġu identifikati. Jiżdied jingħad illi meta muri r-ritratti tal-filmati, Keith Pace stess jikkonferma illi ż-żewġ persuni li kienu jidhru fihom kienu proprju hu u l-appellant[4]. Fi kwalunkwe każ, kif ingħad, is-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti kienet tistrieħ unikament fuq l-identifikazzjoni magħmula minn Jason Camilleri li għaraf lill-appellant bħala l-istess persuna li huwa osserva dak in-nhar jistenna ħdejn il-bieb ta' barra, u baqa' iżommu taħt l-osservazzjoni tiegħu meta il-malviventi ħarrbu minn fuq il-post u hu baqa' jiġri warajhom għal ċertu distanza.

Illi la Keith Pace u wisq anqas l-appellant ma jispjegaw x'kien il-mottiv illi l-appellant kien qed jistenna lill Pace proprju ħdejn il-bieb ta' barra tal-fond li kien ser jiġi derubat, u dan wara li Pace sgassa l-bieb ta' l-istess u daħal ġewwa. *Di piu'* il-fatt illi l-appellant telaq jiġri flimkien ma' Pace hekk kif dan ħarab minn fuq ix-xena tar-reat, jindika illi huwa kien kompliċi fil-kummissjoni ta'l-stess u kien qed iservi bħala għassa sakemm Pace jikkometti is-serqa. Għalhekk, dina l-Qorti, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, kemm diretti kif ukoll indizzjarji, tinsab moralment konvinta bil-ħtija tal-appellant lil hinn minn kull dubbju dedatt mir-raġuni u għaldaqstant hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għad-deċizjoni li filfatt wasslet għaliha.

Għal dawn ir-raġunijiet suesposti, l-uniku aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant sussidjarjament iressaq talba għal varjazzjoni fil-piena għalkemm ma iressaq ebda aggravju *ad hoc* fir-rikors tal-appell. Illi kien mistenni mill-appellant jindika l-motiv li wasslu biex ħassu aggravat min-natura u il-*quantum* tal-piena inflitta, u ċertament din il-Qorti mhijiex mistennija toqgħod tfittex Hi xi mottiv li wassal lill-appellant iqies illi din il-piena b'xi mod ma kenitx idonja għar-reat lilu addebitat u li dwaru instabet il-ħtija.

---

[4] Ara fol.74 tal-atti.

Illi, magħdud dan, madanakollu il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' seba xhur priġunerija hija waħda fil-minimu assolut tenut kont illi l-piena għar-reat ikkunsmat, kif ingħad, hija dik tal-prigunerija ta' bejn ħames xhur u tlett snin, ma tingħatax fl-minimu tagħha, tonqos bi grad jew żewġ gradi fit-termini ta'l-artikolu 41 u tiżdied minn grad sa tnejn, fid-diskrezzjoni tal-qorti, minħabba l-addebitu tar-reċediva. Kwindi ma tara li hemm ebda mottiv li jista' iwassalha tvarja il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**